**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 320/18 CZ**

**Kurt Scicluna (ID 567892 (M)**

**vs.**

**Cynthia Meli (ID 0627981 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fis-16 ta' Lulju 2018 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' hames mitt Euro (€500) ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-attur huwa s-sid ta' showroom tal-karozzi bl-isem ta' KS Autodealer, li tinsab fil-By Pass ta' Hal-Ghaxaq, f'Hal-Ghaxaq;

Illi l-attur dahal fi ftehim mal-intimata, liema ftehim huwa anness u mmarkat bhala Dok. A1, ghal bejgh ta' vettura tal-ghamla Toyota Belta targata JBN 951;

Illi l-prezz ghal dan il-bejgh gie ffissat ghal Eur 6,500, illi minnu thallas l-ammont ta' Eur 2,500 flimkien ma' vettura Mercedes E Class targata EAF 105 mill-intimata u ghaldaqstant fadal tithallas somma bilancjali ta' Eur 500 lill-attur;

Illi l-vettura Toyota Belta targata JBN 951 giet ikkonsenjata lill-intimata u tinsab fil-pussess taghha;

Illi s-somma bilancjali ta' Eur 500 kellha tithallas lill-attur sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Dicembru 2017;

Illi dan l-ammont qat ma gie saldat mill-intimata;

Illi l-attur kien baghat ittra datata 12 t'April 2018, liema ittra hija mmarkata bhala Dok. A2 biex jitlob dan il-hlas ghall-bilanc, izda baqa' bla twegiba;

Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-intimat sal-prezentata ta' dan l-avviz huwa ta' Eur 500 jew somma verjuri;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dan it-Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara illi l-intimata hija debitrici fil-konfront ta' l-attur fl-ammont bilancjali ta' Eur 500 jew somma ohra verjuri, flimkien ma' imghaxijiet u spejjez mill-1 ta' Jannar 2018 sal-pagament effettiv;
2. Jordna lill-intimata thallas is-somma bilancjali ta' Eur 500 jew somma ohra verjuri lill-attur, flimkien ma' imghaxijiet u spejjez kif mitluba.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u bl-imghax kontra l-istess intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt Euro (€500) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur